**335. Il-Prim Ministru, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lil Leisure and Theme Park Ltd art il-Pwales, San Pawl il-Baħar kif hi deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartiklu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art il-Pwales, San Pawl il-Baħar deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'ċens lil Leisure and Theme Park Ltd għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

31.10.86